KUNSILL LOKALI - GHAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

**Minuti tas-Sittin (60) Laqgha tas-Sebgha(7) Kunsill Lokali Ghaxaq**

Il-Kunsill Lokali ta' Hal Ghaxaq iltaqa' ghal Laqgha Numru 60 fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 4 ta' Ottubru 2016 fil-5.30pm.

**Preżenti**.

**IS-SINDKU DARREN ABELA**
**Il-VICI SINDKU EMANUEL VASSALLO**
**IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS**
**IL-KUNSILLIER KEITH FENECH - skuzat**
**IL-KUNSILLIERA MARIANNE SCHEMBRI**

**IS-SEGRETARJU EZEKUTTIV FIONA SAID**

Is-Sittin (60) Laqgha tas-Sebgha (7) Kunsill inzammet b'din l-Agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Approvazzjoniji tal-Hlasijiet:
   A. Skeda ta' Pagamenti: Numru 60/2016 - Settembru 2016
3. Korrispondenza
4. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
5. Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera
6. Aggornament tal-Laqgha

**Bidu tal-Laqgha:**

Il-Laqgha infethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Darren Abela.

***Il-Laqgha tal-Kunsill bdiet fis-6.00pm***

1. **<u>Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

1.1. Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill għall-approvazzjoni, il-minuti tal-Laqgħa Numru 59 li nżammet nhar l-Tlieta, 13 ta' Settembru 2016 .

1.2. Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 59 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

1.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 59. Il-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 59 ġew approvati unanimament.

2. **<u>Approvazzjoni tal-Ħlasijiet:</u>**

A. ***Skeda ta' Pagamenti : Numru 60/2016 –Settembru 2016***

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ipprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 60-2016 biċ-ċekkijiet numru 5358 sa 5375 li tammonta €19,547.13

2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll xi pagamenti li il-Kunsill irċieva wara li l-iskeda ta' Pagamenti intbagħtet lill-Kunsill kollu. Il-Pagamenti huma skond kif imniżżlin hawn taħt:-
- Gino Chairs and Tables for Hire bl-ammont ta' €800.04 għal siġġijiet u mwejjed li intużaw fl-attivita taċ-Cheese and Wine f'April.
- Wayne Mifsud (Crowd Control Barriers) bl-ammont ta' €1165 għal barriers li intużaw waqt l-istess attivita'
- D.M.S Co.Ltd. bl-ammont ta' 1166.99 għal gobon differenti li kien esebit waqt l-attivita'.
- Joseph and Spiridione Zammit bl-ammont ta' €3342.03 għal ġbir ta' skart għax-xahar ta' Lulju 2016

2.3 Għaldaqstant is-Sindku ressaq il-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-ammont ta' €26,021.19
Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsilliera Miriam Schembri

2.4 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 60-2016 ġiet approvata unanimament.

***Is-Sindku Darren Abela stieden lil Alfred Chetcuti tat-2minds Events sabiex jiġi diskuss il-ħsieb tal-Kunsill għall-attivita fil-Milied.***

Is-Sindku Darren Abela fetaħ din id-diskussjoni dwar il-ħsieb ta' Attivita' li ser tiġi organizzata fiż-żminijiet tal-Milied fil-Pjazza sa Fuq Santu Rokku. Is-Sindku Darren Abela ippropona li tintrama Christmas Tree fil-Pjazza għaż-żminijiet tal-Milied. Is-Sur Alfred Chetcuti ikkonferma li qed jagħmel l-arrangamenti neċċessarji għal din il-Christmas Tree. Is-Sur Chetcuti kompla billi spjega il-proposta tiegħu għall-attivita li

tista ssir fl-10 u l-11 ta' Dicembru bit-Tema Milied Russu/Balkan. Il-Vici-Sindku Emanuel Vassallo sostna li l-attivita' ghandha ssir fil-pjazza u tinfirex lejn Santu Rokku.
Is-Sindku Darren Abela ppropona ukoll li l-Ghaqdiet ghandhom jigu involuti billi jinghataw l-permess li jintrama bar tax-xorb izda minghajr ma jinbiegh 'Vodka' minhabba t-tema tal-organizzatur. Il-Kunsilliera Rose Agius u l-Kunsilliera Miriam Schembri ppproponew li l-ghaqdiet jistghu ukoll jbieghu helu relatat mal-Milied.

Ghaldaqstant, f'dan l-istadju, is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni ghall-approvazzjoni ta' din l-attivita' bl-ispiza ta' Eur 2000 u jekk l-attivita' tkun ta' success il-Kunsill ihallas l-ispiza ta' Eur 2500. Dwar din l-ispiza u l-kontenut diskuss, il-Kunsill qabel unanimament.

Rigward l-attivitajiet l-ohra tal-Milied li gew diskussi fil-Laqgha Numru 59, il-Kunsilliera Rose Agius pproponiet li ma jsirux it-Tournaments tal-Bocci u tal-Football minhabba li bhalhom saru f'Jum Hal Ghaxaq. Dwar dan il-Kunsill qabel.

***F'dan l-istadju is-Sur Alfred Chetcuti hareg mill-Kamra***

## 3. Korrispondenza

3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet korrispondenza rigward stedina ghall-kor Nazzjonali tat-Tfal fejn qed nigu mitluba li nressqu ammont ta' persuna anzjani li nterresati li jattendu sa nhar il-Gimgha 4 ta' Novembru. Is-Segretarju Ezekuttiv pproponiet ukoll li bhala harga tat-tfal ghandha ssir hemmhekk ukoll. Dwar dan il-Kunsill qabel.

3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet korrispondenza rigward mandat ta' sekwestru minghand l-Enemalta li sar fil-konfront ta' Schembri Infrastructures Ltd

3.3 Tressqet korrispondenza rigward stedina ghall-partecipazzjoni fil-European Week for Waste Reduction. Il-Kunsill qabel li din is-sena ma jippartecipax.

3.4 Tressqet korrispondenza minghand St Philip's Pharmacy rigward talba ghal interess ta' xiri tal-garaxx tal-Kunsill fi Triq il-Gudja. Il-Kunsill qabel li jara jekk hemmx xi oppotunita ta' xiri ta' garaxx fil-vicin qabel ma tinghata r-risposta minhabba l-bzonn li l-Kunsill ikollu garaxx ghall-ghodda. Il-Kunsilliera Rose Agius issugerixxiet garaxx li hemm fi Triq ir-Rebbiegha li kien jintuza mill-Cleansing Department. Is-Sindku qal li ser jara l-pjanti u jitkellem mad-Dipartiment tal-Artijiet.

3.5 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet kwotazzjonijiet ghal xiri ta' *jigger*. Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo issugerixxa li jingiebu kwotazzjonijiet ohra. Il-Kunsill qabel mal-principju li jinxtara dan il-*jigger*.

3.6 Tressqet korrispondenza rigward stedina ghal fuq programm fuq Radju Malta ta' intervista ma anzjan bejn is-70 u d-90 sena rigward it-tibdil fl-ambjent tar-rahal. Il-Kunsilliera Rose Agius ikkonfermat li se tahdem fuqha sabiex issib persuna addatata ghal din l-intervista.
Is-Sindku Darren Abela tkellem ukoll dwar stedina ghal intervista minn *People of Malta*.

3.7 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li rigward il-parking bays fi Triq Tumbarellu, intbaghtet l-assistenza tat-TM fir-rigward fejn gejna infurmati li l-hanut Novita Bagno

m'ghandu l-ebda permess ghal un/loading bay u ghaldaqstant l-unika kaxxa safra li ghandu jkun hemm hija ghal quddiem il-garaxx.

3.8 Tressqu tliet disinji ta' bollard u planters ghal Misrah San Filippu. Il-Kunsill qabel li jsir disinn kwadru u jitpoggew il-pots bil-pjanti.

3.9 Rigward il-permessi tal-MEPA li kopja taghhom tqassmet mal-Minuti, hadd mill-Kunsilliera ma kellu oggezzjonijiet.
Is-Segretarju Ezekuttiv pprezentat applikazzjoni ghall-zvilupp ta' bini fi Triq il-Qattus , Is-Sindku Darren Abela qal li ser jiccekja jekk l-art hiex tal-gvern.

***F'dan l-istadju tal-laqgha, il-Kunsilliera Miriam Schembri talbet li tkun skuzata. (7.30pm)***

**4. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

4.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar l-ghalqa wara l-ground li tintuza ghar-rimi ta' materjal mill-Kunsill. Is-Sindku Darren Abela ippropona li nqabdu kuntrattur izda l-Kunsill ma qabilx minhabba li l-istima li inghatajna hija gholja wisq ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandha ssir mill-Cleansing Department.

4.2 Is-Sindku Darren Abela issugerixxa li jinghata sa l-ahhar tax-xahar sabiex jitkompla x-xoghol. F'kaz li ma jaghti l-ebda risposta ghandu jinhareg tender gdid ghal solar cameras. Il-Kunsill qabel.

4.3 Is-Sindku Darren Abela ippropona li fi Triq San Filippu jitwahhlu tabelli sabiex il-vetturi jipparkjaw bis-*silencer* il-barra. Dwar dan il-Kunsill qabel.

4.4 Is-Sindku Darren Abela ippropona li tingieb kwotazzjoni ghall-irrangar ta' spralli fi Triq G.Demicoli. Il-Kunsill qabel.

4.5 Is-Sindku Darren Abela qal li se jqabbad kuntrattur ghall-uzu ta' gaffa u vetturi kbar sabiex jgorr gebel sabiex jinbnew il-hitan li hawn nieqsa.

4.6 Is-Sindku Darren Abela qal li se tintbaghat korrispondenza rigward il-karozza Numru 88 minhabba li mhiex tidhol l-Airport.

**5. <u>Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera</u>**

5.1 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ressaq ilment rigward bozza Numru 2 fi Triq il-Belt Valletta u ohra fi Triq is-Salib li mhux jixghelu.
.
5.2 Il-Vici Sindku ressaq ilment ukoll rigward patching fi Triq il-Belt Valletta minhabba parti li qed jinzamm l-ilma fiha. Is-Sindku qal li ssir meta jkollna t-tender tal-patching.

5.3 Il-Vici Sindku staqsa ukoll ir-raguni ghalxiex il-funtana ta' Gnien il-Kunsill mhiex tahdem. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li il-funtana intfiet minhabba li kienet qed titlef l-ilma u ghaldaqstant kien se jigi kkawzat hsarat fil-pompa. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li se jkunu qed isiru t-tiswijiet sabiex tissolva din il-problema.

5.4 Il-Kunsilliera Rose Agius infurmat li attendiet il-laqgha tal-MEPA, fejn il-Kunsill huwa obbligat li jahtar persuna mill-Kunsill sabiex tattendi il-laqghat li jkun hemm relatati mal-permessi u applikazzjonijiet tal-MEPA. Is-Sindku qal li h user jattendi meta jkun. Il-Kunsilliera Rose Agius offriet li tattendi fl-assenza tas-Sindku Darren Abela.

5.5 Il-Kunsilliera Rose Agius ressqet ilment rigward il-bankina ta' Vjal il-Labour hdejn 'The Convenience' minhabba li hi perikoluza u fi stat hazin. Il-Kunsill qabel li ssir mill-haddiema tal-gvern u tinghata il-konkos.

**6. Aggornament tal-Laqgha**

6.1. Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar il-Hamis 3 ta' Novembru 2016 fil-5.30pm

Il-Laqgha ntemmet fid-8.30pm

| | |
|---|---|
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |